**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 1 – IT-TLIETA, 8 TA' LULJU 2014 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairman |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairman |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | | |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Ħatra ta' Chairman**

1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lis-Sur Stefan Bonello Ghio jekk jaċċettax il-kariga ta' Chairperson. Is-Sur Bonello Ghio kkonferma li jaċċetta din il-kariga.

1.2 Is-Sur Bonello Ghio feraħ u awgura lill-membri l-ġodda tal-Kumitat u rringrazzja lil dawk il-membri fl-ewwel Kumitat li ma ġewx eletti. Hu enfasizza li għandu jkun hemm unità bejn il-membri ta' dan il-Kumitat.

**2 Ħatra ta' Viċi Chairman**

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lil Dr Frank Bartolo jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Chairperson. Dr Bartolo kkonferma li jaċċetta din il-kariga.

2.2 Dr Bartolo feraħ lill-membri l-ġodda tal-Kumitat kif ukoll lil dawk li reġgħu ġew eletti. Hu esprima l-importanza li t-tieni Kumitat għandu jkompli fil-passi tal-Kumitat preċedenti fejn jaħdem għall-interess tar-residenti mingħajr piki u b'unità anki fejn hemm opinjonijiet differenti.

**3 Kummenti Oħra**

3.1 Is-Sur Robert Vella Bonnici awgura l-ħidma t-tajba lill-Kumitat il-ġdid.

3.2 Is-Sur Alfred Mangion awgura lill-membri tal-Kumitat il-ġdid u rringrazzja lil dawk il-membri tal-ewwel Kumitat. Hu awgura wkoll li dan il-Kumitat ikompli jimxi fuq il-passi tal-Kumitat preċedenti li dejjem mexa b'kunsens u li kien iggwidat bit-trasparenza u bl-integrita'. Hu awgura erba' snin ta' ħidma fl-interess tar-residenti tal-Kappara.

**4 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

4.1 Ġie kkundannat unanimament il-vandaliżmu fuq l-iskips tar-reċiklaġġ fi Triq Birkirkara u ġiet innutata li s-sit ġie mnaddaf malajr u l-iskips imbiddlin. Sar rapport lill-pulizija.

4.2 Ġiet approvata li ssir laqgħa mal-Kappillan nhar it-Tlieta, 12 ta' Awwissu fis-6.00pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

4.3 Ġie deċiż li jiġi ffurmat Sotto Kumitat għat-traffiku. Xogħol ta' dan is-Sotto Kumitat hu li jistudja s-sitwazzjoni tat-traffiku u jagħti pariri lil KAC. Ġie deċiż ukoll li jiġi mistieden l-ex AC tal-Pulizija s-Sur Josie Brincat biex ikun fuq dan is-Sotto Kumitat. Il-membri l-oħra huma s-Sur Simon Ellul Sullivan u s-Sur Robert Vella Bonnici.

4.4 Rigward iż-żebgħa tal-Ġnien GM Camillieri, ġie deċiż li tinġabar aktar informazzjoni qabel ma jsir ix-xogħol. It-tindif f'dan il-ġnien għandu jitkompla.

4.5 Ġie nnutat il-bżonn akut għal *tarmac* ġdid fi Triq Birkirkara u Triq il-Ġojjin. Ġie nnutat ukoll li *ż-żebra crossing* fi Triq Birkirkara għandu bżonn *refreshing*.

**5 Affarijiet Oħra**

5.1 Ġie deċiż li tintalab laqgħa ta' kortesija lill-Ambaxxati tar-Russja u dik tal-Eġittu biex jiltaqgħu mal-Kumitat il-ġdid.

5.2 Is-Sur Ellul Sullivan talab biex fil-kuntratt il-ġdid tal-knis ikun hemm speċifikat li mhux permessibbli l-użu ta' pestiċidi għall-ħaxix ħażin.

5.3 Ġiet innutata t-talba miċ-Chiswick biex issir *zebra crossing* fi Triq Antonio Schembri. Ma kienx hemm qbil fuq din.

5.4 Is-Sur Alfred Mangion talab biex isir żbir ta' siġar fit-Toroq Wied Għollieqa, Kuċċard, Bilbla u Buqrajq. Talab ukoll biex isir tindif fi Triq Wied Għollieqa partikolarment fil-parti ta' ġewwa. Fakkar li għandha tintbagħat l-ittra rigward il-One Way ta' Triq il-Gardell u biex titneħħa Motor Cycle Bay fi Triq il-Gallina. Hu ġab għall-attenzjoni li hemm mutur fi Triq il-Gallina bil-licenzja skaduta. Talab li jitwaħħal *doggie bin* fi Triq Antonio Schembri kantuniera ma' Trejqet il-Gamiema (il-kumitat irid jara minn fejn għandu jinqala' wieħed). Fakkar ukoll dwar xogħolijiet li jridu jsiru fuq il-bankina ta' Triq ir-Rundun.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Awwissu 2014 fis-6.00pm.

__________________________ __________________________

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**